**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2002**

**Citazzjoni Numru: 981/95TM**

**Numru:**

**Joseph Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' *Associated Supplies Limited***

**Vs**

**Dr Victor Emanuel Ragonesi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' *Phoenicia Hotel Company Limited***

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta' attrici fis 7 ta' Lulju, 1995, fejn l-attur nomine ipremetta illi l-konvenut nomine jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tmien mija, hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM1855.20), ammont dovut rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fil-*Hotel Phoenicia*, Floriana, liema xogholijiet saru fuq inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta.

Ipremetta illi, nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ghaldaqstant, talab il-konvenut nomine 'il ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elf, tmien mija, hamsa u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM1855.20), ammont dovut

rapprezentanti l-bilanc ta' prezz tax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April, 1995, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data illi fiha kien dovut il-hlas tal-ammont hawn mitlub sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut nomine minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn jeccepixxi:

1. Illi d-domanda attrici hija insostenibili fid-dritt u fil-fatt ghaliex is-somma mitlub m'hix dovuta peress li r-rati tax-xoghol pretisi mis-socjeta' attrici huma esagerati u x-xoghol ma sarx kif kellu jsir skond l-arti u s-sengha.

2. Illi s-socjeta' attrici minhabba f'hekk diga' rceviet pagamenti in eccess ta' dak legalment dovut.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn jesponi:

1. Illi x-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici gie minnha kalkolat b'rati ezagerati, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-kwalita' ta' xoghol li sar u z-zmien li ittiehed biex jitlesta, u ir-rati ta' xoghol komparativ li huma applikabili fis-suq lokali;

2. Illi s-socjeta' attrici giet imhallsa akkonti in eccess ta' dak li hu lecitament dovut.

3. Talab ghalhekk il-konvenut nomine biex issir verifika totali tal-kwantita' u kwalita' tax-xoghol li sar, issir stima tieghu, jittiehdu in konsiderazzjoni l-akkonti li thallsu, u ssir likwidazzjoni tal-valur ta' l-istess xoghol biex l-attur nomine jigi dikjarat responsabbli li jirristitwixxi l-eccess fil-pagamenti li rcieva, u kundannat ihallas dan l-eccess, bl-ispejjez.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba fejn teccepixxi:

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-istess kontrotalba kif proposta mill-konvenut nomine billi ma gewx imhasra, kif rikjest mill-Artikolu 398 tal-Kap. 12, ir-regoli stabbiliti bil-Kodici ta' Orgenizazzjoni u Procedura Civili ghall-proponiment tal-kontrotalba odjerna;

2. Illi, preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-kontro-talba tal-konvenut nomine hija insostenibili billi ma tistax tintalab stima u likwidazzjoni tax-xogholijiet ezegwiti mill-attur nomine bl-iskop illi ssir revizjoni tar-rati miftehma minn qabel bejn il-kontendenti;

3. Illi, fuq il-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-konvenut nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine, stante illi x-xoghol ezegwit mis-socjeta'

attrici sar b'rati u fiz-zminijiet miftehma minn qabel mas-socjeta' konvenuta, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

4. Illi, in oltre, l-istess talbiet huma infondati wkoll in kwantu x-xogholijiet gew verifikati u certifikati, kemm bhala kwantita' kif ukoll bhala kwalita', mill-Periti imqabbda mis-socjeta' konvenuta ghal dan l-iskop;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ottubru, 1996, li *in forza* taghha cahdet bhala legalment infondata l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-attur nomine tan-nullita' tal-kontro-talba tal-konvenut nomine, bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru, 1996, li in forza tieghu tqabbad bhala Perit Tekniku l-AIC David Pace biex ifittex u

jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport tal-imsemmi Perit Tekniku li gie minnu mahluf fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2001;

Rat id-dokumenti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz dovut lilha ghal diversi xogholijiet li wettqet, fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta tal-lukanda Phoenicia.  Is-socjeta konvenuta qed tallega li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u, *di piu*, ir-rati fuqhiex inhadem il-kont kienu esagerati, b'mod li l-pagamenti li

gia' saru mhux talli jkopru s-somma attwalment dovuta lis-socjeta' attrici, izda thallas aktar minn dak li hu realment dovut, u, fil-fatt, resqet kontro-talba fejn qed titlob rifussjoni tal-eccess. Il-Perit Tekniku mqabbad minn din il-Qorti irrelata li l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta huma infondati u bla bazi, u, min naha l-ohra, irrelata li t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma ta' LM1855.20 timmerita li tigi milqugha.

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni milqugha mill-abbli Perit Tekniku li ma jirrizultax li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Veru li s-socjeta' konvenuta hasset il-htiega li tohrog diversi *snag lists*, izda minn ezami ta' dawn il-listi jidher car li l-ilmenti ma kienux indirizzati lejn kwalita' tax-xoghol, izda aktar lejn certi dettalji u irqaqat li, ghajr li jistghu jaghtu aspett ikrah lill-prodott komplet, ma jimpingux fuq il-kwalita' *ut sic* tax-xoghol. Dan ma jfissirx, min-naha l-ohra, li dawn id-dettalji setghu gew skartati. Fil-fatt, kif xehed ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, u kif ikkonferma l-Perit Tekniku, dawn in-nuqqasijiet meritu ta' *snag lists* gew kollha irrangati u verifikati mir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta. Kien fadal xi zewg *items* zghar li ma kienux gew verifikati bhala li gew

arrangati, izda kontra l-pretensjoni tas-socjeta' attrici li dawn gew, fil-fatt, irrangati, is-socjeta' konvenuta ma resqetx prova kuntrarja. Meta s-socjeta' attrici kienet infurmat lis-socjeta' konvenuta li x-xoghol kien kollu lest u setghet tivverifika dan a sodisfazzjon taghha, din l-allegazzjoni ma giet qatt michuda mis-socjeta' konvenuta jew b'xi mod minnha ribattuta, u kien biss meta s-socjeta' attrici bdiet tippressa ghall-hlas, li s-socjeta konvenuta inkarigat lill-Perit Patrick Camilleri, mhux biex jivverifika l-kwalita' tax-xoghol, izda biex jiccekja r-rati li s-socjeta' attrici kienet qed tippretendi li kellhom iservu bhala bazi ghall-konteggi.  Fil-fatt, il-kontroll tax-xogholijiet sija bhala kwalita' u sija bhala kwantita' kienet qed issir mill-*Project Management Office*, imexxi minn Mark Beddows, u dan l-ufficju kien direttament involut sabiex jikkontrolla x-xoghol li kienet qieghda tesegwixxi s-socjeta' attrici.

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghax-xhieda tal-Perit Camilleri quddiem il-Perit Tekniku (fol 131) fejn xehed li c-"*certificate of practical completion*" hareg f'Settembru tal-1993, u dana c-certifikat "jigbor <u>ix-xoghol kollu</u> tal-kuntratt li sar mill A&C kemm dak illi ssorveljajna ahna kif ukoll dak li ssorvelja l-*Project*

*Manager*". Dan jikkonferma li x-xoghol kollu sar taht supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u gie, fl-ahhar certifikat komplut u lest.

Il-Perit Camilleri, fir-rapport tieghu datat 26 ta' Jannar, 1994, ma jikkumentax fuq il-kwalita' tax-xoghol, izda fuq ir-rati li, skond hu, ghandhom jintuzaw biex jigi kkalkolat kemm ghandha tithallas is-socjeta' attrici. Hu veru li l-perit ma kellux konoxxenza dettaljata tax-xogholijiet u certu xoghol, bhal per ezempju, tal-pedamenti, ma kienx ghadu vizibbli, pero', kien u jibqa' dover tas-socjeta' konvenuta li taghmel il-prova ta' xoghol mhux skond is-sengha, u din il-prova la ghamlitha permezz tal-perit imqabbad minnha u anqas permezz tal-perit tekniku nominat minn din il-Qorti.

Ghar-rigward tar-rati li fuqhom inhaddem il-kont, jirrizulta mill-provi, li dawn ir-rati kienu gew miftiehma minn qabel mir-rappresentanti tas-socjetajiet kontendenti. L-appalt in kwistjoni ma inghatax bhala wiehed u f'daqqa izda, kif xehed ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, "bicca bicca". Is-socjeta' konvenuta kienet titlob li jsir xi haga, is-socjeta' attrici tohrog stima, din tigi approvata mill-*Project Manager* lokali, u jinbeda x-xoghol. Waqt li jkun ghaddej ix-xoghol,

tohrog konferma ta' l-istima mid-ditta f'Londra tramite "*Purchase Order*". Din kienet il-procedura li kienet tintuza fil-kaz u accettata mid-ditta konvenuta. Fil-fatt, lanqas ma gie allegat li l-P*roject Manager*, Mark Beddows, ma kellux l-awtorita jaccetta l-istima li tipprovdi s-socjeta' attrici, liema stimi *del resto*, kienu gew accettati mill-*parent company* ta' Londra. Il-Perit Camilleri, li wiehed irid ifakkar, kien il-perit imqabbad mis-socjeta' konvenuta biex jissorvelja x-xoghol, ikkonferma li "ir-rati ma kienux fil-kompitu taghna, izda ta' Mark Beddows, u dana qalilna biex nohorgu certifikat fuq l-ammont indikat" (fol. 132). Il-Perit rega kkonferma li d-ditta tieghu ma dahlitx fil-kwistjoni tar-rati, u kien biss wara li harget ic-certifikati kollha, li giet mitluba tidhol fil-kwistjoni tar-rati. Is-socjeta' konvenuta, pero', darba li accetat ir-rati offruti u tat il-"*go ahead*" biex isir ix-xoghol b'dawk ir-rati, ma setghetx tmur lura fuq dak il-ftehim, u tiddeciedi unilateralment li r-rati kellhom jigu riveduti. Il-Perit Tekniku ukoll ikkonkluda li "s-socjeta' attrici hija gustifikata illi teccepixxi ghall kontro-talba illi r-rati taghha kienu gew miftiehma u li *kwindi* ma kienx hemm xi wiehed joqghod jerga' jifli u jiftah valutazzjoni gdida fuq rati illi kienu gew miftiehma u sar ix-xoghol fuqhom" (fol. 88).

Il-Qorti tinnota wkoll li, fil-valutazzjoni tieghu, il-Perit Camilleri ma jidhirx li ha konjizzjoni tac-cirkustanzi ta' kif kien qed jigi ordnat ix-xoghol. Is-socjeta' konvenuta riedet xoghol malajr u urgenti, u biex takkomodha, is-socjeta' attrici kienet taqla' nies minn bnadi ohra, u kien isir xoghol f'hin twil, anke l-Hdud, u gieli baqghu jahdmu sas-siegha ta' filghodu. Dawn ic-cirkustanzi, ovvjament, jinfluwixxu fuq il-prezz u r-rati tax-xoghol. Il-Perit Camilleri stess ikkwalifika l-istima tieghu bhala wahda "indikattiva", u mehud kont ta' dawn ic-cirkustanzi, ir-rati li kkwotat is-socjeta' attrici, ma jidhrux daqsekk esagerati. Hi x'inhi, hi l-fehma assodata ta' din il-Qorti, li kien intlahaq ftehim fuq ir-rati tax-xoghol, u s-socjeta' konvenuta ma tistax tmur lura minn dak li sar qbil dwaru.

Il-Qorti, ghalhekk, tiddisponi mill-kawza, billi ghar-ragunijiet fuq indikati, tichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha, u, minn naha l-ohra, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM1855.20 (elf, tmien mija, hamsa u hamsin lira Maltin

u ghoxrin centezmu), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni, u cioe', mis-7 ta' Lulju, 1995.

L-ispejjez kollha, hlief dawk gia' decizi, ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

IMHALLEF

D/REG